# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 525/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lee (Lee Anthony) Gatt**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Lee (Lee Anthony) Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 196076M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Marzu, 2015 fil-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Sharon Christina, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skont Kap 9 tal-Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2015 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lee (Lee Anthony) Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata bil-gravami singolari illi huwa kien hallas il-manteniment minnu dovut hlief ghall-bilanc ta' erbghin euro u ghalhekk ma setghax jinsab hati mill-ewwel Qorti fuq konflitt ta' provi. L-appellant iressaq aggravju iehor dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti izda jonqos milli jaghmel talba sussidjarja ghat-tibdil tas-sentenza;
2. Din il-Qorti semghet sia lill-kwerelanta kif ukoll lill-appellant bil-gurament. Il-kwerelanta tghid illi fix-xahar ta' Marzu, 2015, naqas milli jghaddilha l-manteniment ta' €400 ghal dak ix-xahar. Fix-xahar ta' wara ddecieda li jtiha biss €300 izda baqghet tinsisti li mhix imhallsa ghax-xahar ta' Marzu. Minkejja li minn April tal-2015 ma kienx ihallas l-ammont kollu ta' €400 fix-xahar, maz-zmien hallas ukoll l-arretrati neqsin hlief dak ta' Marzu;
3. L-appellant xehed illi kien hallas lill-parte civile is-somma ta' €360 fi flus kontanti rapprezentanti manteniment dovut ghax-xahar ta' Marzu, 2015 u li kellha tghaddi ricevuta lill-ommu izda

din qatt ma waslet. L-appellant jiftakar dwar dan l-incident ghaliex dakinhar kellu fuqu ammont ta' flus kontanti intizi biex ihallas ghal xi *spare parts* u meta hallas lill-parte civile din qaltlu li jista jzomm it-360 u jtiha l-flus l-ohra. Huwa offra l-€40 li kien ghad kellu jaghti izda l-parte civile irrifjutat ghaliex tikkontendi li ghandha tiehu s-somma kollha ta' €400;

4. Ghal kwadru komplet tal-fatti, l-atti processwali a fol 15 jakkludu kopja ta' digriet tal-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta' Frar, 2015, li bih l-appellant kien ordnat ihallas is-somma ta' €400 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazjoni tal-minuri. Jemergi ukoll illi l-parte civile kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar l-allegat nuqqas tal-appellant fl-Ghassa ta' Bormla fl-20 t'April 2015;

5. Ikkunsidrat illi l-appellant jikkontendi li dawn il-fatti jipotizzaw konflitt fil-provi tali li kellhom iwasslu ghal-liberazzjoni tieghu. Issa, kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, mhux kull konflitt fil-provi ghandu b'mod awtomatiku iwassal ghal-liberazzjoni ta' imputat u dan huwa hekk ghaliex il-Qorti ghandha taghmel valutazzjoni tal-provi skond l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali sabiex tara lil min ser temmen u dwar liema fatt. Naturalment dan l-ezercizzju gia sar mill-Qorti tal-ewwel istanza li wassal ghas-sejbien ta' htija tal-appellant. Din il-Qorti issa hija mitluba tirrovexxja dik id-decizzjoni, izda, kif inhu assodat ukoll fil-gurisprudenza, mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-konkluzzjonijiet taghha hlief jekk jirrizulta illi ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzjoni;

6. Il-Magistrat decident fis-sentenza appellata ma indika ebda raguni ghaliex kien qed jemmen parti u mhux ohra. Wara li ezaminat fid-detall id-deposizzjoni ta' kull parti, din il-Qorti tistqarr illi ma tista' teskludi ebda wahda mill-verzjonijiet b'mod illi temmen parti u mhux ohra. Dak li jidher li gara bejn il-partijiet hu li donnu kien hemm xi ftehim verbali ghal-hlas ta' manteniment li

izda kien formalizzat permezz ta' digriet tal-Qorti Civili minghajr ma kien jaf bih l-appellant u l-ammont ta' manteniment kif ordnat minn dik il-Qorti jidher li kien xi ftit aktar minn dak amikevolment u informalment patwit. Jemergi ukoll illi dawn il-pagamenti kienu jsiru fi flus kontanti u l-appellant wera li kien irtira flus fl-ammont ta' €360 sabiex bhas soltu jhallas l-ammont li solitament kien ihallas. Huwa spjega kif jiftakar b'mod car dan l-incident dwar flus ohra li kienu intizi ghal-hlas ta' xi *spare parts* u *ex admissis* jghid illi fadallu jaghti il-bilanc ta' €40 izda zgur mhux l-ammont intier;

7. Din il-Qorti opportunement tfakkar illi l-manteniment huwa dovut ghall-ghixien dicenti tal-minuri u mankanza in rigward tissarraf biss f'mankanza tal-obbligu naturali u legali tal-parti b'konsegwenzi ta' tbaghtija sia fuq il-minuri kif ukoll fuq il-genitur proferit bit-trobbija taghhom. Ezaminati l-fatti anke minn din l-ottika, din il-Qorti hadet in konsidrazzjoni estremi li jistghu jitfghu dawl fuq min qed jghid il-verita' jew le. Qieset il-fatt illi huwa xi ftit odjuz li persuna taghmel rapport simili meta taf li dan mhux minnu tghaddi minn dawn il-proceduri kollha u li ghalhekk l-ewwel hsieb huwa li tali rapport ma sarx ta' xejn. Qieset ukoll illi, kif jemergi mill-provi, din hija l-ewwel okkazzjoni fejn l-appellant iffaccja tali proceduri ghaliex, kif tista' tifhem din il-Qorti, ix-xhur ta' wara kollha kienu kawtelati minghajr problemi konsimili. Il-kwistjoni possibilment tirrizolvi ruhha f'wahda ta' kontegg. Hija l-parte civile li donnha accettat li tippercepixxi ammont ridott kull xahar u sussegwentement isiru l-kontijiet fejn l-appellant jottempera ruhu u meta jigri hekk, oltre li ma hemm ebda rendikont li l-ammont ikun percepit jew imhallas, l-kwistjoni kollha tkompli tithabbel;

8. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss illi konferma ta' sejbien ta' htija fil-konfront tal-appellant hija wahda irragjonevoli la darba ma hemm l-ebda hjiel jew indizzju iehor li jista' b'xi mod jikkonvinci lil din il-Qorti li dan l-ammont ma kienx imhallas. Dan minghajr

pregudizzju ghad-dritt tal-parte civile li tfittex rimedju quddiem it-tribunali civili;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun akkolt u s-sentenza appellata qed tkun imhassra. Konsegwentement l-appellant qed ikun liberat minn kull htija u piena.